Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAD-DISA' u TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sat-7.40pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello ( 5.45pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Stephen Gatt ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa għaliex kien ser ikun msiefer kif ukoll l-Ambaxxatur s-Sur Andrew Zammit Montebello bagħat jinfurmana li ma setax ikun preżenti għaliex kien għaddej bil-preparamenti tal-eżamijiet.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-tmienja u tletin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku Joe Galea saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara'. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab lis-Segretarju biex jieħu nota biex inkunu nafu xi program ta' attivitajiet ser isiru nhar l-4 ta' Mejju 2014 l-għada ta' Jum Ħal Balzan.

Il-Viċi Sindku Joe Galea tkellem fuq il-fence li jrid isir fuq il-public convenience bħala prekawzjoni fejn iltaqa' mal-perit tal-Kunsill u ser titlesta applikazzjoni biex tiġi sottomessa lill-MEPA.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fuq il-kwistjoni tal-*One way'* fi Triq Sisner, huwa ltaqa' mal-perit tal-Kunsill fejn ser jitlesta *Safety Assessment Report/Traffic Management* min naħa tiegħu u tiġi sottomessa lil Transport Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom u approvata.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' qal li ġie avviċinat mis-Sur Silvio Cassar rigward il-kompetizzjoni mnedija mill-Ministeru tal-Anzjani u Diżabilita' għal rampa quddiem il-Kazin San Gabriel fejn qallu li din trid issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-pjanti tar-rampa u dettalji oħra, l-Kunsill ma kellu xejn f'idejh ħlief għal pjanta fejn il-Kazin kienu talbuna għal *no objection*. Kien għalhekk li meta bħala Kunsill irċevejna l-ittra mill-Ministeru għidna li tajjeb ta' min jinforma lill-Kazin San Gabriel b'din il-kompetizzjoni **A+ Accessibilty Award** fejn wieħed jista' jisfruttaha biex f'kaz li din tintrebaħ, lill-Kazin ittaffilhom xi ftit mill-ispejjeż li jkollhom iħallsu. Fil-fatt kien ġie deċiż li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara jiltaqgħu mal-kumitat tal-każin biex jiddiskutu fid-dettal din l-applikazzjoni.

## 3. Rapport Amministrattiv

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2013 (mehmuż).

Ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2013 kien propost għall-approvazzjoni mis- Sindku John Zammit Montebello, li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett

## 4 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Ottubru sa Diċembru 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru (mehmuż)

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru 2013 kien propost għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku, is-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 5 Tender RPW 1/14:*Resurfacing & Pavement Works in various roads in Ħal Balzan*

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit Anthony Bezzina sabiex jipprepara rapport fuq l-unika Tender li ntefgħet għal dawn ix-xogħolijiet li kienet ta' Dimbros Ltd u fl-istess waqt talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lid-Dipartiment fejn jitlob direzzjoni lilu fuq każijiet meta tkun intefgħet offerta waħda bħalma ma ġara f'dan il-każ, għandhiex terġa' toħroġ sejħa oħra għall-offerti.

## 6 Tender TS 1/14: Maintenance of Traffic Signs and road markings

Il-Kunsill wara li evalwa l-offerti li ntefgħu qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jikteb lill-Koptasin Ltd u lill-B. Grima & Sons li ġew *shortlisted*, fejn jitlobhom għal referenzi mingħand kunsilli oħra għal raġuni li d-differenza tar-rati huma prattikament identiċi u b'hekk ikun f'posizzjoni aħjar li jevalwa.

## 7 Infurzar u Ordni fil-lokalita' ta' Ħal Balzan- Sitwazzjoni preżenti

Is-Sindku Dr John Zammit Montebello qal li bħala Kunsill, wieħed mill-ftit Kunsilli li jużaw is-sistema ċentralizzata tal-Gvern tal-customer care fejn kull ilment jiġi mgħoddi lid-Dipartiment konċernat biex tiġi indirizzata minnufiħ. Il-problemi li qed jiffaċċja l-Kunsill huma tnejn, il-gwardjani lokali fejn bħalissa għaddejja kunsultazzjoni mill-Gvern Ċentrali fuq ir-riforma tal-gwardjani lokali u għalissa sakemm ma toħroġ policy ġdida ma nafux kif nistgħu nużaw is-servizzi tagħhom għall-infurzar. Il-problema l-oħra hija tal-Għassa

ta' Ħal Balzan li qed tkun magħluqa, kif ukoll nuqqas ta'*compliment* ta'pulizija fid-Distrett ta' B'Kara. Sandanittant is-Supretendent il-ġdida is-Sinjura Sharon Tanti talbet li jkollha laqgħa mal-Kunsill biex tkun indirizzata s-sitwazzjoni preżenti ta' infurzar fil-lokalita'.

Is-Segratarju Eżekuttiv xtaq jgħid li n-nies għandhom raġun jilmentaw minn nuqqas ta' infurzar bħalissa, imma fuq din is-sitwazzjoni ma jistgħux iwaħħlu fil-Kunsill minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti għax bħala Kunsill ma' għandniex il-poter li ninfurzaw. Kull ma nistgħu nagħmlu hu li ninfurmaw lill-Gwardjani jew il-Pulizija biex jieħdu azzjoni. Min naħa tagħna kif jidħol ilment jiġi mgħoddi lill-awtorijtajiet konċernati minnufiħ. In-nuqqas qed ikun ta' min suppost jinforza għax ma tkunx tittieħet azzjoni immedjata. Sfortunatament dejjem jingħata t-tort lill-Kunsill ta' dan.

F'dak li jirrigwarda l-*customer care* tal-Kunsill, din is-sistema tiġi mħaddma mill-*Management Efficiency Unit* tal-Gvern Ċentrali fejn xogħol dan il-unit jara' li l-ilmenti jiġu indirizzati mill-aktar fis possibbli. Fit-3 ta' Jannar 2014 ġejna infurmati li bħala Kunsill kif jidħol ilment u ngħadduħ lill-awtoritajiet konċernati jekk hu l-kaz għax jista' jkun ilment li jrid jġi indirizzat mill-Kunsill dan l-ilment jingħalaq mis-sistema minnufiħ anke jekk ma titteħitx azzjoni u għalhekk saret tkun diffiċli biex wieħed jagħmel follow up tal-ilment.

## 8 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-12 ta' Marzu 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 15,650.56

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 9 Korrispondenza u Ilmenti

Ittra Nru. 3687: Email mingħand id- Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jitlob għal aktar informazzjoni rigward il-post alternattiv għal uffiċċju tal-Kunsill lokali. Il-Kunsill ser jikteb lura.

Ittra Nru. 3743: Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013/2014- MEMO 25/2013- Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan ingħata l-għotja ta' € 1000 biex tiġi mtella' l-attivita' Lejla Interkulturali Balzanija.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 10 Kumunikazzjoni tas- Sindku

Ma kien ebda kumunikazzjoni min naħa tas-Sindku

**11 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' talab li l-Kunsill għandu jibgħat jinforma lill-pulizija biex jieħu azzjoni kontra venditur tad-doughnuts li ta' spiss idur mal-lokalita' u jagħmel ħsejjes bil-horn u dan b'detriment għar-residenti.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' talab li t-tappieri fi Triq Birbal jiġu rranġati. Il-Kunsill ser jerġa' jibgħat reminder lil Transport Malta.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 2 ta'April 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello**<br>Sindku | **Mark Mallia**<br>Segretarju Ezekuttiv |

Data